MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2004

Appell Kriminali Numru. 24/2004

Il-Pulizija.
(Spettur M. Bonnici)

vs.

Antonio Camilleri u
Ramon Camilleri

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fis-16 ta' Gunju, 2003, ghall-habta tal-11.30 am. kif ukoll f' dati w hinijiet qabel din id-data fi Triq Vivion , Santa Venera :- (1) minghajr licenzja tal-awtorita' kompetenti , fethu jew zammew hanut ta' xoghol jew haddmu arti jew sengha illi setghu jdejjqu l-girien u cioe' lill-Alfred Mizzi, Elia Mizzi u Ersilia Mizzi , jew li jistghu jkunu kagun ta'

hruq jew ta’ espluzzjoni qawwija jew ta’ rwejjah li jaghmlu hsara lis-sahha , jew zammew hwejjeg li jikkagunaw fwar , ghabra jew irwejjah li jaghmlu deni jew li jaghtu fastidju u (2) u aktar talli operaw hanut tax-xoghol fl-imsemmi post minghajr licenzja ta’ l-awtorita’ kompetenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-16 ta’ Jannar, 2004, li biha, wara li rat l-artikolu 130 (1) tal-Kap.10 tal-Ligijiet ta’ Malta , sabet liz-zewg appellanti mhux hatja tat-tieni imputazzjoni , sabithom hatja tal-ewwel imputazzjoni u kkundannathom ghall-Lm10 ammenda kull wiehed u tathom zmien gimghatejn sabiex inehhu l-inkonvenjent taht penali ta’ LM2 kulljum fin-nuqqas.

Rat ir-rikorsi tal-appell identici ntavolati miz-zewg appellanti fit-28 ta’ Jannar, 2004, li bihom talbu li 1. din il-Qorti tiddikjara nulla s-sentenza appellata w thassarha w tirrevokaha w, wara li tisma l-kaz, tehles lill-appellanti minn kull htija w piena w 2. alternattivament tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f’ dik il-parti fejn sabithom mhux hatja tat-tieni imputazzjoni w thassarha w tikkanncellaha fil-bqija w minnflok tilliberhom minn kull htija w piena jew alternattivament tirriformaha billi thassar l-ordni ghat-tnehhija tal-inkonvenjent taht penali ta’ zewg liri Maltin (LM2) kulljum fin-nuqqas u tikkonfermaha fil-kumplament.

Rat illi l-aggravji taz-zewg appellanti fir-rikorsi rispettivi taghhom huma identici w jikkonsistu fis-segwenti w cioe:- 1. li s-sentenza appellata hija nulla peress li ma tikkwotax l-artikolu tal-ligi li tahtu l-Qorti kienet qed issib htija ghax fil-fatt il-Qorti kkwotat l-artikolu 10 tal-Kap.130 mentri l-artikolu kien l-artikolu 130 tal-Kap.10. 2. Illi l-Ewwel Qorti ma setghatx issib htija taht l-ewwel imputazzjoni ghax l-artikolu 130 tal-Kap.10 kien gie mhassar bis-sahha tal-Att XXVII tas-sena 2001 u ghalhekk b’ applikazzjoni tal-principju “*nullum crimen sine lege*” ma seta’ qatt ikun hemm dikjarazzjoni ta’ htija meta r-reat lanqas biss kien jissussisti guridament , la fid-data tal-allegata kommissjoni tar-reat u anqas fid-data tas-sentenza . 3. Illi l-appellanti gew misjuba hatja hazin fuq il-fatti w hemm paradoss fil-

fatt li gew liberati mill-imputazzjoni li operaw hanut minghajr licenzja w imbaghad instabu hatja tal-ewwel imputazzjoni . Illi ma giex pruvat li kien hemm inkonvenjent fit-termini tal-ewwel imputazzjoni . 4. li l-Prosekuzzjoni naqset li tipprova sal-grad rikjest mill-ligi illi effettivament kien hemm l-inkonvenjent allegat mill-kwerelanti ; 5. li l-ordni ghat-tnehhija tal-inkonvenjent taht penali ta' LM2 kulljum ma hix gustifikata ladarba ma hemmx inkonvenjent x' jitnehha.

Fliet l-atti kollha processwali ;

Rat il-fedini penali aggornati esebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti fis-seduta tal-lum ;

Rat il-verbal li bih Dr. Mikaela Spiteri ghall-Prosekuzzjoni, iddikjarat li taqbel li t-tieni aggravju jidher gustifikat ghaliex l-Artikoli li fuqu saret il-prosekuzzjoni w li gie citat fis-sentenza appellata verament kien ilu abrogat mis-sena 2001, pero' invokat l-applikazzjoni tal-Artikolu 428 (3) u ghamlet riferenza ghall-Att XXVII tat-2001;

Semghet it-trattazzjoni dwar l-ewwel zewg aggravji fis-seduta tal-lum ;

Ikkonsidrat ;

Illi dwar l-ewwel aggravju identiku taz-zewg appellanti jinghid li dan bhala fatt hu nfondat ghaliex fis-sentenza appellata jirrizulta li l-Ewwel Qorti ccitat l-artikolu tal-ligi li tahtu kienet qed issib htija. Di fatt fil-paragrafu penultimu tas-sentenza appellata l-Qorti qalet testwalment hekk:-

*"Rat l-artikolu 130 (1) tal-Kapitolu 10 tal-Ligijiet ta' Malta."*

Illi ovvjament , apparti konsiderazzjonijiet ohra li ser jigu trattati taht it-tieni aggravju, dan jissodisfa pjenament il-vot tal-ligi kontemplat fl-artikolu 382 tal-Kap. 9 li jghid li : *" l-Qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha ….ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat."*

Tajjeb jew hazin l-Ewwel Qorti wettqet dan l-obbligu mpost mill-ligi w ghalhekk hawn non si tratta ta' nullita' tas-sentenza per se . Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi pero' mhux l-istess fir-rigward tat-tieni aggravju . Di fatti jirrizulta li l-artikolu 130 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kap.10) kien verament gie abrogat bl-Att XXVII tas-sena 2001, li dahal in vigore fit-2 ta' Mejju, 2002, (vide Artikolu 33 (1) u para. 5 tas-Schedule ta' l-istess Att) u ghalhekk ma kienx ghadu *in vigore* fid-data tas-sentenza jew fiz-zmien tal-allegat kommissjoni tar-reat u cioe' fis-16 ta' Gunju, 2003. Illi anki jekk ic-citazzjoni tirriferi ghal "dati u hinijiet qabel din id-data" , dan, al massimu, jista' jestendi biss ghaz-zmien ta' tlitt xhur (iz-zmien tal-preskrizzjoni applikabbli ) qabel harget ic-citazzjoni fl-20 ta' Gunju, 2003 u cioe' mhux ghal data oltre l-20 ta' Marzu, 2003 , meta l-artikolu in kwistjoni kien ilu li gie abrogat mill-2001.

Konsegwentement meta l-Ewwel Qorti kienet qed issib htija skond dan l-artikolu abrogat kienet qed issib htija ta' reat li - almenu fil-forma kontemplata fil-Kap.10 - ma kienx ghadu jezisti . Ergo ghandhom ragun l-appellanti jinvokaw il-principju legali ta' "*nullum crimen sine lege*" fir-rikors tal-appell taghhom . Jidher li l-Ewwel Qorti setghet giet zgwidata mill-Prosekuzzjoni stess li fic-citazzjoni ccitat proprju l-"**Kap.10 Sect.130 (1)"** bhala l-artikolu li skondu hi kienet qed tmexxi , mentri dan kien ilu li gie abrogat kif fuq intqal. Pero', kienet x' kienet ir-raguni ta' dan l-izball , xorta jibqa' l-fatt li l-appellanti ma setghux jinstabu hatja taht ligi li kienet giet abrogata zmien qabel .

Illi ma jidhirx li c-cirkostanzi kontemplati fl-artikolu 428 (3) invokat mill-prosekuzzjoni jinkwadraw ruhom fil-kaz prezenti, ghax dan mhux kaz ta' kompetenza tal-Qorti Inferjuri jew ta' ksur ta' xi formalita' li trid il-ligi taht piena ta' nullita' jew li tkun xort'ohra sostanzjali, imma ta' proceduri li sa mill-bidu nett kienu monki ghax kienu bazati fuq ligi li ma kienitx ghadha tezisti fiz-zmien tal-kommissjoni tal-allegat reat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tichad it-talba ghad-dikjarazzjoni tan-nullita' tas-sentenza appellata izda tilqa' t-talba ghar-riforma tas-sentenza appellata billi tikkomfermaha in kwantu sabet liz-zewg appellanti mhux hatja tat-tieni imputazzjoni w minnha lliberathom u tirrevokaha in kwantu sabithom hatja tal-ewwel imputazzjoni , ikkundannathom ghaxar liri (LM10) ammenda kull wiehed u tathom zmien gimghatejn sabiex inehhu l-inkonvenjent taht penali ta' LM2 kull jum fin-nuqqas u minnflok tilliberhom minn din l-imputazzjoni w minn kull htija, piena w ordni biex inehhu l-inkonvenjent taht penali fir-rigward.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------